

Brussell, 27 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9444/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0125 (NLE)

CCG 18

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 252 annex
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tal-linja komuni biex tingħata l-eliġibbiltà għall-għajjnuna marbuta lill-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 252 annex.

Mehmuż: COM(2025) 252 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2025
COM(2025) 252 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-
miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni
Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tal-linja komuni biex tingħata l-eliġibbiltà għall-
għajnuna marbuta lill-Ukrajna**

ANNESS

ABBOZZ TA' LINJA KOMUNI

1. Numru ta' Referenza: Għad irid jiġi deċiż
2. Isem tal-Pajjiż tad-Destinazzjoni: l-Ukrajna
3. Isem ix-xerrej/il-mutwatarju: M/A
4. Deskrizzjoni tat-tranżazzjoni: M/A
5. Termini u kundizzjonijiet

Skont l-artikoli l-oħra kollha tal-arranġament

6. Il-proposta għal Linja Komuni

L-aċċettazzjoni tal-Ukrajna bħala eliġibbli biex tirċievi għajjnuna marbuta, indipendentement mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 32 tal-Arranġament.

Il-miżura se tidħol fis-seħħ minnufih u se tibqa' fis-seħħ għal sentejn wara li tidħol fis-seħħ.

Tranżazzjonijiet fl-ambitu tal-Arranġament jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ uffiċjali skont il-patti u l-kundizzjonijiet ta' din il-linja komuni sakemm:

- L-applikazzjoni għall-appoġġ ta' kreditu għall-esportazzjoni kienet irċevuta sa mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta' validità ta' din il-linja komuni, u
 - Id-data tal-impenn finali hija fi żmien 18-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' validità ta' din il-linja komuni
7. Perjodu tal-offerta: M/A
 8. Nazzjonalità u ismijiet tal-offerenti magħrufa: M/A
 9. Informazzjoni Oħra

F'konformità mal-Artikolu 32 tal-Arranġament, l-għajjnuna marbuta ma għandhiex tiġi pprovduta lil pajjiżi li l-ING *per capita* tagħhom, skont id-data tal-Bank Dinji, ikun ogħla mil-limitu massimu għall-pajjiżi b'introjtu medju inferjuri. Pajjiż jiġi kklassifikat mill-ġdid għall-finijiet tal-eliġibbiltà tal-għajjnuna marbuta tal-Arranġament biss wara li l-kategorija tal-Bank Dinji tiegħu ma tkunx inbidlet għal sentejn konsekuttivi. Il-klassifikazzjonijiet tal-introjtu tal-pajjiżi tal-Bank Dinji jiġu aġġornati kull sena fl-1 ta' Lulju, abbażi tal-ING *per capita* tagħhom (il-metodu Atlas) tas-sena kalendarja preċedenti.

Fl-1 ta' Lulju 2024, abbażi tad-data tal-2023, l-Ukrajna ġiet ikklassifikata mill-Bank Dinji għall-ewwel darba bħala pajjiż b'introjtu medju superjuri (4950 USD ING *per capita* filwaqt li l-livell limitu għal pajjiżi b'introjtu medju superjuri ġie stabbilit għal USD 4516¹). Jekk din il-klassifikazzjoni tiġi kkonfermata mill-Bank Dinji fl-1 ta' Lulju 2025, l-Ukrajna tiġi awtomatikament riklassifikata, għall-finijiet tal-Arranġament mis-Segretarjat tal-OECD, bħala pajjiż ineliġibbli għall-għajjnuna marbuta.

F'Lulju 2024, il-Bank Dinji ddikjara li l-bidla 'l fuq fil-klassifikazzjoni tal-Ukrajna rriżultat mill-issoktar tat-tkabbir tal-PDG (xprunat mill-attività tal-kostruzzjoni (24,6 %), li jirrifletti żieda mdaqqs fl-infiq fuq l-investment li jappoġġa l-isforz ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna wara l-qerda li tinsab għaddejja), tnaqqis fil-popolazzjoni (tnaqqis ta' aktar minn 15 %) u żidiet fil-prezzijiet ta'

¹ Fl-2023, l-ING *per capita* tal-Ukrajna żdied b'26 %. Fl-2022, l-ING *per capita* tal-Ukrajna kien ferm taħt il-livell limitu għall-pajjiżi b'introjtu medju superjuri (USD 3930 filwaqt li l-livell limitu għall-pajjiżi b'introjtu medju superjuri ġie stabbilit għal USD 4466).

oġġetti u servizzi prodotti domestikament. Minħabba t-tkabbir previst tal-PDG tal-Ukrajna fl-2024 u t-tkomplija tat-tnaqqis fil-popolazzjoni vis a vis iċ-ċifri ta' qabel il-gwerra, jidher possibbli li l-Ukrajna żżomm il-klassifikazzjoni tal-introjtu medju superjuri tagħha.

L-UE tqis li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tal-Arranġament rigward il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat l-istatus ta' eliġibbiltà tal-pajjiż mhumiex adegwati għas-sitwazzjoni speċifika tal-Ukrajna.

L-ING *per capita* mkabbar tal-Ukrajna u l-klassifikazzjoni tal-introjtu aġġornata tal-Bank Dinji tagħha ma għandhomx jirriżultaw fir-riklassifikazzjoni tal-Ukrajna għall-finijiet tal-Arranġament bħala pajjiż ineliġibbli għall-għajnuna marbuta peress li din ma tkunx isservi r-raġuni ewlenija għall-projbizzjoni tal-għajnuna marbuta f'pajjiżi b'introjtu medju superjuri, jiġifieri li jiġu evitati distorsjonijiet fil-kummerċ u li jitħeġġeġ il-finanzjament tal-esportazzjoni b'termini standard tal-Arranġament aktar milli b'termini ta' għajnuna marbuta. L-Ukrajna għadha mxejjla b'mod sinifikanti mill-kriżi, u l-klassifikazzjoni tal-introjtu aġġornata tal-Bank Dinji ma tirriflettix żieda reali kbira fl-ekonomija tal-Ukrajna, sal-punt li għandu jiġi promoss il-kummerċ standard aktar milli l-għajnuna. Għall-kuntrarju, huwa kruċjali għall-Parteċipanti li s-sorsi esterni kollha possibbli jibqgħu disponibbli biex jiffinanzjaw il-bini mill-ġdid tal-Ukrajna, għal żmien limitat matul iż-żmien ta' rikostruzzjoni.

Barra minn hekk, l-UE tixtieq tenfasizza li d-deċiżjoni li ma tiġix segwita l-klassifikazzjoni tal-pajjiżi tal-Bank Dinji fid-determinazzjoni tal-istatus ta' eliġibbiltà għall-għajnuna marbuta ma tkunx tikkostitwixxi preċedent għall-Parteċipanti. Fl-1991, il-Parteċipanti ddeċidew li l-pajjiżi ta' dak li qabel kien il-Blokk tal-Lvant ma jkunx eliġibbli biex jirċievu għajnuna marbuta, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tal-pajjiżi tal-Bank Dinji tagħhom. Din id-dispożizzjoni (l-hekk imsejja "projbizzjoni mhux vinkolanti") kienet teżisti fl-Arranġament sal-2012.

Ta' min jinnota wkoll li l-Bank Dinji bħalissa qed iwettaq ir-rieżami tal-metodoloġija tiegħu għall-klassifikazzjoni tal-introjtu tal-pajjiżi.

Fl-aħħar nett, l-UE tenfasizza li l-adozzjoni ta' din il-linja komuni ma għandhiex tikkostitwixxi preċedent "applikabbli awtomatikament" għal każijiet futuri, bl-għan li jiġi indirizzat kuntest ġeopolitiku u ekonomiku straordinarju, li għandu jiġi ttrattat bl-istess livell ta' konsiderazzjoni u analiżi.